MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2011

Numru. 644/2010

**Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**vs**

**Ramon Anastasi**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Ramon Anastasi ta' 24 sena, bin Raymond u Mary nee' Galea, imwieled Pieta' fit-30 ta' Novembru 1985 u residenti 39 'Four Winds' Triq Santa Liberata Kalkara u detentur tal-karta tal-identita' numru 580485(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Bejn Mejju 2009 u Frar 2010, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li kisru l-istess

dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra il-Ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar grajja kimerika, ghamel qligh ta aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), ghad-dannu tas-socjeta' *E.L.V. Engineering Services Limited*, ai termini ta' l-artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali, Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fl-istess zmien, lok u cirkostanzi appropja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat ghad-detriment tas-socjeta' *E.L.V. Engineering Services Limited*, ai termini ta' l-artikolu 293 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti kienet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar il-10 ta' Marzu 2011 ghall-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Rat illi l-parti civili deher fl-udjenza tal-10 ta' Marzu 2011 fejn irtira l-kwerela minnu maghmula u rrinunzja ghal dak kollu rinunzjabbli fil-konfronti tal-imputat.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti ikkunsidrat il-fatt li l-imputat ghandu fedina penali netta, l-fatt li ammetta fi stadju bikri tal-proceduri, l-fatt li kkopera bis-shih fil-kors tal-investigazzjonijiet u kkunsidrat ukoll l-fatt li l-parti civili rtira l-kwerela minnu maghmula stante illi saret transazzjoni bejn il-partijiet.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 308, 309 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel(1) akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor sa zmien sena(1) millum. Stante r-rinunzja da parti tal-parti civili, l-Qorti tiddikjara l-procediment ezawrit in kwantu jirrigwarda t-tieni(2) akkuza u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-akkuza.

Wara li rat l-Artikoli 392 A (2) u 401 (3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti tordna li l-atti kollha ta' dan il-process flimkien ma kopja tas-sentenza jintbghatu lill-Avukat Generali fiz-zmien li trid il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------